**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Francesca Calleja)**

**(Spettur Joseph Mallia)**

**Vs**

**Mohamed Ali Ahmed Elmushraty**

**Illum, 03 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat li Mohamed Ali Ahmed Elmushraty, ta' 32 sena, iben Ali Ahmed Elmushraty u Hala El-Taiaari imwieled it-Tunisia nhar it-28 ta' Awwissu 1991, residenti ġewwa 62, Metropolitan, Block F, Flat 12, Triq Dun Frans Camilleri, Ħamrun u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 136403A tressaq taħt arrest u ġie akkużat talli fl-1 ta' Gunju 2024 għal ħabta ta' 00.15hrs ġewwa l-Pavillion ta' Ta' Qali, Malta u postijiet oħra ġewwa il-Gżejjer Maltin:

> *"1. Naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe*

*mill- Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo fid-digriet moghti nhar it-25 ta' Ottubru 2019, u li permezz tieghu l-istess Mohamed Ali Ahmed Elmushraty inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet u dan bi ksur ta' Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. U aktar talli naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe mill-Magistrat Dr Leonard Caruana LLD fid-digriet moghti nhar it-18 ta' Marzu 2024 liema digriet gie sussegwentament emendat permezz ta' digriet tat-22 ta' Marzu 2024 mghoti mill-Onorevoli Imhallef Dr Edwina Grima , u li permezz tieghu l-istess Mohamed Ali Ahmed Elmushraty inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet u dan bi ksur ta' Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. U aktar talli inġurja, jew hedded, jew għamel offiza fuq il-persuna ta' wieħed inarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe' PC 1146 Andre Cilia, PC 2 Glen Ellul, PC 933 Kurt Jenkins u PC 1129 Adrian Elich waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; Artiklu 95 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku; Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

*5. U aktar talli fl-istess lok, data u ħin, kiser il-bon ordni u paċi pubblika, b'għajat, u storbju; Artiklu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta"*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta` ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena skont il-liġi, jiġi kkundannat għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex id-depożitu kif ukoll il-garanzija personali jgħaddu favur il-gvern ta' Malta.

Filwaqt li l-Pulizija eżebiet kopja tad-dettalji personali tal-imputat, estratt minn l-att tat-twelid tiegħu, kif ukoll l-fedina penali tal-imputat, talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skond il-Liġi.

Rat li waqt is-seduta tal-lum 3 ta' Ġunju 2024, wara li l-uffiċjal prosekutur qara bil-ġurament l-akkużi miġjuba kontra l-imputat, huwa ammetta l-akkużi.

Rat li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-imputat u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tagħat żmien lill-imputat biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidra l-ammissjoni tiegħu mill-ġdid, u għal dan il-għanipposponiet il-kawża, wara li reġgħet issejħet l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat illi l-Uffiċjal Prosekutur ippreżenta bil-ġurament tiegħu xi dokumenti sabiex jagħtu sfond għal dawn il-proċeduri.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati difensuri u tal-prosekuzzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, din il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li tgħaddi għas-sentenza u dan wara l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena li għandha tiġi nflitta fiċ-ċirkostanzi.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qieset sew iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Minn dak li spjega l-uffiċjal investigattiv u prosekutur bil-ġurament waqt li kien qiegħed jagħti r-retroxena li wasslet għal-arrest tal-imputat, irriżulta li l-imputat kien talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti li akkordatlu l-ħelsien mill-arrest sabiex ikun jista jattendi avveniment ġewwa Ta' Qali, liema talba ġiet debitament akkordata.

Huwa fil-fatt attenda u assuma rwol bħala kowċ ta' wieħed mil-boxers. Ġie rrappurtat li l-imputat dakinhar waqt l-avveniment kien *'rowdy'* u l-*'organiser'*

talab l-intervent tal-Pulizija sabiex huwa jinħareġ il-barra minn fejn kien qiegħed jiġi organizzat il-logħob tal-boxing. L-uffiċjali investigattiv u prosekutur ma tax dettall ta' x'kienet l-atmosfera fil-post, u kemm kienet tistona l-imġieba tal-imputat f'avveneiment ta' logħob tal-boxing, li ċertament m'huwiex wieħed kalm, u fejn l-adrenalina tal-persuni li jattendu, aktar u aktar ta' dawk li jkunu involuti fil-logħba, bħal boxers u l-kowċ jew maniġer tagħhom, tkun waħda għolja. Biss minn dak li xehed l-istess uffiċjal investigattiv jidher li l-Pulizija intervjeniet *'fuq struzzjonijiet tal-organiser'* u li ma kienx hemm konsegwenzi fuq l-uffiċjali tal-Pulizija nvoluti. Fis-sens li l-imputat ma uża l-ebda vjolenza fiżika fuqhom.

Il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat jinsab akkużat b'żewġ akkużi li fin-natura tagħhom huma kontravenzjonali, ċioe ir-raba u l-ħames akkuża. Huwa ġie akkużat permezz tat-tielet akkuża dwar l-aġir ikkontemplat fl-artikolu 95 tal-Kapitolu 9, iżda mhux bl-artikolu 96 tal-imsemmi Kapitolu. Apparti minn hekk hemm l-ewwel u t-tieni akkużi li huma marbuta mal-akkużi l-oħra msemmija hawn fuq, jiġiefieri li fid-dawl tal-imġieba tiegħu huwa ġie akkużat li naqas milli jħares xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-digrieti li bihom l-imputat ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet.

Issa għalkemm l-imputat ammetta għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena din il-Qorti trid tqis il-gravita tal-akkadut fl-eżerċizzju tagħha biex tistabbilixxi l-piena erogabbli fiċ-ċirkostanzi.

Il-Qorti tqis li l-akkuża li tifforma l-perm ta' dawn il-proċeduri, li imbgħat ġabet magħha l-akkużi li ukoll huma serji dwar in-nuqqas ta' tħaris tal-kundizzjonijiet dwar il-ħelsien mill-arrest, hija dik ibbażata fuq l-artikolu 95. Kif ingħad hawn fuq l-imputat ma ġiex akkużat abbażi tal-artikolu 96 li fin-natura tiegħu jikkontempla delitt aktar serju. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 fejn ġie ritenut:

> *"Dana l-artikolu (b'referenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

Relevanti għal dan il-każ huwa l-fatt li l-uffiċjal pubbliku f'dan il-każ ma kienx qiegħed jaġixxi fl-eżekuzzjoni tal-Liġi jew ta' xi ordni mogħtija skont il-Liġi meta huwa ġie mitlub mill-*'organiser'* biex l-imputat jinħareġ il-barra mil-post fejn kien qed isir l-avveniment. Il-Pulizijia avviċinawh peress li kien *'rowdy'* u possibilment biex jikkalmawh, u fl-ebda ħin ma kien hemm il-ħsieb li l-pulizija tipproċedi għal arrest tiegħu. Tant hu hekk li l-arrest sar mir-residenza tiegħu madwar erba' u għoxrin siegħa mill-imsemmi inċident.

Din il-Qorti għaldaqstant filwaqt li tisħaq li l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija għandhom dejjem jiġu obduti, u dawn m'għandhomx jiġu soġġettati għal inġurji, theddid, jew għar minn hekk għal xi offiża fuq il-persuna tagħhom (dan tal-aħħar m'huwiex il-każ tal-lum), tqis li ma kienx hemm xi konsegwenzi serji f'dan il-każ.

Jingħad ukoll li l-imputat skuża ruħu mill-ewwel mal-uffiċjali, ikkopera mal-Pulizja waqt l-arrest u l-investigazzjoni, u skuża ruħu mal-Pulizija, anke fil-Qorti waqt il-Proċeduri, kif ukoll mal-Qorti, dwar l-akkadut.

Jingħad li l-prosekuzzjoni talbet għal piena viċin il-massimu, u possibilment għal sentenza sospiża partikolarment dwar l-ewwel u t-tieni akkuża, iżda fit-trattazjoni dwar il-piena hija ma nsistietx għar-revoka tal-ħelsien mill arrest. Id-difiża oġġezzjonat.

Din il-Qorti tqis li llum il-gurnata permezz tal-emendi ntrodotti bis-saħħa tal-Att XXIX tal-2021, hija għandha diskrezzjoni sabiex wara li tqis il-gravita tar-reat kommess, jekk jidhrilha l-bżonn tgħaddi jew għal konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma mgħotija bħala obbligazzjoni fil-kondizzjonijiet għal għoti tal-ħelsien mill-arrest jew ta' parti minnha, kif ukoll tqis jekk għandiex tordna l-ħruġ ta' mandat t' arrest kontra tiegħu.

Il-Qorti kkunsidrat li l-iskop tal-piena ma għandux ikun wieħed ta' tpattija jew ta' xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjeta' fil-konfront tal-ħati. Il-piena għandha diversi skopijiet fosthom li jiġi ripristinat it-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bl-għemil tal-ħati. Abbażi tal-gravita tar-reati u ċ-ċirkostanzi tal-każ, l-Qorti ma tqisx li hemm lok ta' sentenza ta' priġunerija, effettiva jew sospiża, u lanqas tal-konfiska tal-ammonti kollha mogħtija bħala garanzija u bħala parti mil-kondizzjonijiet tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest lill-imputat, u lnqas tal-arrest tiegħu.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 17, 579(2)(3), 95, 338(ee), 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Mohamed Ali Ahmed Elmushraty, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 136403A ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, kif minnu ammess, u tikkundannah għal-piena komplessiva ta' erbat elef ewro (€4,000).

Għall-finijiet tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li dan il-ħlas isir permezz ta'rati mensili ta' seba' mitt Euro (€700) kull xahar, bl-ewwel pagament ikun dovut fl-aħħar ta' Ġunju 2024, u l-aħħar pagament ikun tal-bilanċ rimanenti mil-multa, b'dan illi jekk ma jsirx ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u jekk il-multa ma titħallasx puntwalment tinbidel fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata għal kull ħamsa u tletin euro (€35) u dan skont l-artikolu 11(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In oltre, a tenur tal-artikolu 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tas-somma ta' elf Ewro (€1,000) rappreżentanti parti mid-depożitu ppreżentat bħala garanzija għall-osservanza tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest mgħoti mill-Qorti tal-Maġistrati, speċifikament mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo nhar it-25 ta' Ottubru 2019, kif ukoll il-konfiska tas-somma ta' ħamest elf Ewro (€5,000) rappreżentanti parti mid-depożitu ppreżentat bħala garanzija għall-osservanza tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest mgħoti mill-Qorti tal-Maġistrati, speċifikament mill-Onor. Maġistrat Dr. Leonard Caruana nhar it-18 ta' Marzu 2024 liema digriet ġie sussegwentement emendat permezz ta' digriet tat-22 ta' Marzu 2024 mgħoti mill-Onor. Imħallef Dr Edwina Grima. Il-Qorti m'hijiex tal-opinjoni u mhix se tordna l-ħruġ ta' mandat t'arrest fil-konfront tal-imputat.

Peress li ma jirriżultax li ġew maħtura xi esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta.

Fl-aħħarnett il-Qorti tordna l-komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bil-għan li din tiġi nserieta permezz ta' nota fl-atti tal-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Paula Ciantar) vs Mohamed Ali Ahmed Elmushraty

Kump. Numru 605/2019, kif ukoll fl-atti tal-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Mohamed Ali Ahmed Elmushraty, Kump. Numru 403/2023.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------